MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2011

Appell Kriminali Numru. 408/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmelo Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 ta' Novembru, 2009 ghall-habta tal-5.00 hrs fi Triq San Bastjan Qormi

1. saq il-vettura imsemmija minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);
2. ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienx koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni;
3. kif ukoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura numru IAO-604 kontra s-sinjal tat-traffiku (one way) minn Triq San Guzepp ghal Triq San

Bastjan, Qormi (LN 94/69) u dan ai termini tal-artikoli Sec. 15 (1)(a)(3) Chap. 65, Sec. 13(1) L.N. 198/2009, Sec. 3(1) Chap. 104.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru, 2010, li biha wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, ir-Regolament 13(1) tal-A.L. 198/2009, ir-Regolament 2 tal-A.L. 94/1969 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni kkundannat lill-appellant ghall-piena ta' € 117 multa fuq l-ewwel akkuza, €2329.37 multa fuq it-tieni akkuza, ammenda ta' €58.23 fuq it-tielet akkuza.
Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.
Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta' Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla w tiddisponi minn dan l-appell skond din id-dikjarazzjoni, alternattivament u minghajr pregudizzju tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti u minnhom tilliberah skond il-ligi.  Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi preliminarjament l-appellant jirrileva illi huwa dahal fl-awla w assolutament ma fehem xejn minn dak li kien qieghed jigri.  Dahal minghajr assistenza legali, ma kienx jaf jekk il-kawza hijiex qed tigi differita jew le,  ma kienx jaf x'qed jigri peress illi min ikellmu minn hawn u min ikellmu minn hemm, u minkejja li l-anqas fehem x'inhuma l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u l-import taghhom,

huwa dahal fl-awla meta msejjah u kif dovut jaghmel. Minn hemm ‘ il quddiem l-appellant ma fehem xejn.

Filwaqt li wiehed presumibbilment ghandu jifhem li l-Ewwel Qorti ppruvat tispjega lill-appellant x’kien qed jigri, l-appellant fl-ebda hin ma kien f’pozizzjoni li jiehu decizjoni stante li l-livell intellettwali tieghu huwa tali li ma jhallihx jaghmel dan f’dawk ic-cirkostanzi ta’ procedura penali li kien jinsab fihom.

Meta msejjaħ biex jidħol fl-awla mill-Pulizija, l-appellant jgħid li hu qal lill-Pulizija li l-Avukat tiegħu mhux hemm imma li jrid jeħles u jitlaq l’hemm ghax kien sar il-hin.  Sa hemm iwassal l-appellant.

**Ghaldaqstant fic-cirkostanzi l-appellant jirrileva illi dak li sehh igib bhala konsegwenza n-nullita’ tas-sentenza appellata.**

Illi l-appellant jirrileva illi l-korp tal-provi li l-prosekuzzjoni tallega li ghandha in sostenn tal-imputazzjonijiet migjuba, ma humiex tali li a bazi taghhom tista’ tinstab htija fil-konfront tieghu.  Fi kliem iehor, il-prosekuzzjoni ma tilhaqx il-grad tal-prova rikjesta fil-kamp penali.  Jinghad li l-konsegwenza legali u legittima ta’ dan l-istat fil-provi hu li l-appellant ghandu jigi dikjarat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u kwindi lliberat skond il-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-appellant jirrileva li s-sanzjoni tal-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan hija wahda eccessiva, tenut kont tac-cirkostanzi kollha li sawwru dan il-kaz kif ukoll tas-sitwazzjoni socjali u familjari xejn felici li jinsab fiha l-appellant.  Ix-xoghol tieghu huwa bhala sewwieq tal-karozzi tal-linja, huwa b’dan il-mod li l-appellant jaqla l-ghejxien ghalih u ghall-familha (martu u zewg uliedu minuri llkoll dipendenti fuqu) tieghu.  Finanzjarjament l-appellant jinsab f’qaghda mweghra.  Ix-xoghol u d-dhul huwa indispensabbli ghalih u ghall-familja tieghu.  Minghajr dan, ikun hemm kroll totali tal-istruttura tal-familja tieghu.  Ic-cirkostanzi tal-kaz odjern huma tali li ghandhom jattiraw temperament f’tali sanzjoni.

L-appellant, f'dan il-kuntest, jirrizerva li jissottometti ulterjorment waqt is-smiegh ta' dan l-appell.

**Noti Ippreżentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża**

Rat ukoll in-Noti ppreżentati mill-Avukat Ġenerali (fol 30) u tliet sentenzi fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus George Cassar Desain' 27 t'Ottubru 1962; Il-Pulizija versus Ivan Duncan 1 ta' Diċembru 2006; u Il-Pulizija vs Dodi Bright – 25 ta' Jannar 2010); u dik ippreżentata mid-difiża bis-sentenzi ' Il-Pulizija versus Emmanuel Testa 17 ta' Lulju 2002; Il-Pulizija versus Gary Grech u Dino Bonnici (10 ta' Jannar 2003) u l-aħħar waħda hija l-istess bħal tal-Prosekuzzjoni.

**Sentenza Preliminari dwar l-Ewwel Aggravju – Nullita' tas-sentenza**

L-appellant jissottometti li huwa kien bla avukat iżda hu ried jeħles u jmur 'l hemm għax sar il-ħin. Jgħid ukoll li hu ma fehemx x'kienu l-imputazzjonijiet kontrih.

L-ewwelnett din il-Qorti tgħaddi biex tirrimarka li dawn kienu proċeduri sommarji li jaqgħu taħt il-kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati. Għalhekk l-ispjega li ssir mill-Maġistat f'ċirkostanzi oħra, jiġifieri fejn il-kompetenza tagħha taqbeż is-sitt xhur priġunerija jew hemm piena ta' multa, il-Liġi ma tesiġix li twiddeb lill-imputat dwar xi ammissjoni li jkun sejjer jagħmel. Għalhekk il-każi li għamlet referenza għalihom id-difiża (10 ta' Jannar 2003 'Il-Pulizija versus Gary Grech u Dino Bonnici u 'The Police versus Dodi Bright u 'Il-Pulizija verus Emmanuel Testa' ma japplikawx għax f'dawn il-każ il-mertu ma kienx jaqa' fil-kompetenza **oriġinali** tal-Qorti tal-Maġistrati kif inhu l-każ odjern. Fil-kawżi meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhix oriġinali tapplika dispożizzjoni oħra speċjali.

Dan ma jfissirx li l-Maġistrat sedenti jrid jaqbad u jiddeċiedi. Filfatt ma sar xejn minn dan għaliex mill-verbal (kif jidher mis-sentenza sottolineata hawn taħt ) jirriżulta li l-Maġistrat sedenti kien ħa ħsieb isaqsi jekk l-imputat kellux bżonn ta' assistenza ta' avukat.

Filfatt, skond il-verbal a fol 9 jirriżulta dan li ġej:

**<u>‘Deher l-imputat li ddikjara li m’għandux ħtieġa li jkun assistit minn avukat</u>**

L-imputat iddikjara li hu ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih.’

Issa mill-fedina penali tal-imputat jirriżulta wkoll li ilu jidħol il-Qorti mit-30 ta’ Mejju, 1990 jew 34 darba.  Allura din il-Qorti qed tqis li l-allegazzjonijiet li l-appellant ma kienx jaf x’qed jiġri huma għal kollox bla bażi.

Ma tara ebda raġuni għala għandha tilqa’ l-ewwel aggravju tal-appellant u konsegwentement qed tiċħdu u qed tiddeċiedi li l-ewwel sentenza kienet valida.

Qed tħalli dawn il-proċeduri għal sottomissjonijiet ulterjuri u  / jew smigħ ta’ provi jekk ikun il-każ.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------